



Dokument ta' sessjoni

A9-0319/2021

10.11.2021

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2021/001 ES/País Vasco metal
(COM(2021)0618 – C9-0377/2021 – 2021/0316(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Eider Gardiazabal Rubial

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	7
NOTA SPJEGATTIVA	9
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	13
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI.....	16
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	18
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	19

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2021/001 ES/País Vasco metal (COM(2021)0618 – C9-0377/2021 – 2021/0316(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0618 – C9-0377/2021),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹ ("ir-Regolament dwar il-FEG"),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027², u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda³, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0319/2021),
- A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi tal-globalizzazzjoni u mill-bidliet teknoloġiċi u ambjentali, bħall-bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, it-tilwim kummerċjali, bidliet sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, kif ukoll it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni;
- B. billi Spanja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2021/001 ES/País Vasco metal għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), wara l-issensjar ta' 491 ħaddiem fir-reġjun ta' livell NUTS 2 tal-País Vasco

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

³ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

(ES21) fi Spanja, f'perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni mit-2 ta' Ġunju 2020 sat-2 ta' Diċembru 2020;

- C. billi l-applikazzjoni tirrigwarda total ta' 491 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet, u li minnhom 192 seħħew matul sensji kollettivi li ġew innotifikati lill-awtoritajiet f'sitt kumpaniji⁴;
- D. billi l-applikazzjoni hija bbażata fuq il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi l-waqfien mill-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fid-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi kif definit fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru;
- E. billi l-pandemija tal-COVID-19, il-miżuri stretti ta' lockdown implimentati fit-tieni trimestru tal-2020 fi Spanja u n-nuqqasijiet sussegwenti ta' provvisti u materja prima affettwaw b'mod negattiv is-settur tal-metall fil-pajjiż;
- F. billi fir-reġjun Bask, is-settur tal-prodotti tal-metall iffabbrikat jirrappreżenta 27,4 % tal-valur miżjud gross (GVA) tal-industrija⁵, filwaqt li l-medja tal-EU-28 hija ta' 18,8 %⁶;
- G. billi fl-2020 (varjazzjoni ta' sena wara sena), il-produzzjoni fi Spanja naqset b'aktar minn 50 % fi 18 % tal-intrapriżi tal-metall, il-fatturat naqas b'aktar minn 50 % f'16 % tan-negozji u terz tal-intrapriżi tal-metall esperjenzaw tnaqqis ta' bejn 30 % u 50 % kemm fil-produzzjoni kif ukoll fil-fatturat⁷;
- H. billi, fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u tal-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tagħha, il-Kummissjoni saħħet u sstottolinjat ir-rwol tal-FEG b'ħala għodda ta' emerġenza⁸ u ppermettiet li każijiet marbuta direttament mal-pandemija jiġu ffinanzjati mill-FEG;
- I. billi Spanja tirrapporta dwar il-konformità tagħha mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar⁹ u tenfasizza l-kunċetti ewlenin tal-Pjan ta' Taħriġ Vokazzjonali Bask, l-Istrateġija Baska għall-Impjiegi u l-Programm għall-Impjiegi Ekoloġiċi;
- 1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG ġew issodisfati, u li Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 214 607 fl-ambitu ta' dak ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 85 % tal-kost totali ta' EUR 1 428 950, u li tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati

⁴ Auxiliari Troquelaría SL, Calderería del Oria, Matricería Deusto, Mecanizados de la Industria Vasca SLU, Taller Mecanizado Pablo López Lacalle SL, Tratamientos Superficiales Iontech SA.

⁵ <https://es.statista.com/estadisticas/1220166/porcentaje-del-vab-total-en-espana-por-sector/>

⁶ https://www.eustat.eus/elementos/EI-32-del-VAB-industrial-esta-generado-por-sectores-de-nivel-tecnologico-alto-o-medio-alto-en-2019/not0018911_c.html

⁷ [Report on the economic impact of COVID-19 on the metal sector](#) (Rapport dwar l-impatt ekonomiku tal-COVID-19 fuq is-settur tal-metall). Ottubru 2020- https://atra.gal/files/noticias/Archivos_3680.pdf

⁸ COM(2020) 442 final.

⁹ COM(2013) 882 final.

ta' EUR 1 384 950 u n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG¹⁰ ta' EUR 44 000;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw l-applikazzjoni fil-25 ta' Ġunju 2021, u li l-Kummissjoni ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha fis-7 ta' Ottubru 2021 u nnotifikat lill-Parlament dwarha fl-istess jum;
3. Jinnota li l-applikazzjoni tirrigwarda total ta' 491 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet, li minnhom 192 seħħew matul is-sensji kollettivi nnotifikati lill-awtoritajiet f'sitt kumpaniji¹¹; jinnota wkoll li Spanja tistenna li 300 mill-benefiċjarji eliġibbli kollha se jipparteċipaw fil-miżuri (benefiċjarji fil-mira);
4. Ifakkar li l-impatti soċjali tas-sensji huma mistennija li jkunu kbar għall-ħaddiema, kif ukoll għar-reġjun Bask kollu, fejn in-numru ta' persuni qiegħda żdied b'25 % bejn Marzu u Awwissu 2020¹², u fejn il-qgħad fit-tul kien jirrappreżenta 55,6 % tal-qgħad totali f'Mejju 2021 (3,6 punti perċentwali ogħla minn f'Jannar 2021) u l-persuni qiegħda b'edukazzjoni bażika jew inqas kienu jirrappreżentaw 60,8 %; ifakkar ukoll li d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa hija ta' 22,6 % u r-rata ta' impjieg temporanju hija ta' 25,8 % fir-reġjun Bask, 11,6 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-Unjoni, li hija 14,2 %;
5. Jindika li l-biċċa l-kbira tal-ħaddiema ssensjati jinsabu fit-tieni nofs tal-karriera professjonali tagħhom u għandhom livell baxx ta' kwalifiki formali;
6. Jinnota li Spanja bdiet toffri servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fil-11 ta' Ġunju 2021 u li, għaldaqstant, il-perjodu ta' eliġibbiltà għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se jkun mill-11 ta' Ġunju 2021 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament;
7. Ifakkar li s-servizzi personalizzati pprovduti lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom wara d-deċiżjoni jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin: sessjonijiet ta' tfassil ta' profili, gwida okkupazzjonali, għajnuna għat-tfittix ta' impjieg, appoġġ u/jew kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' negozji, taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u taħriġ fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll allowances għall-parteciċipazzjoni; il-miżuri kienu ppjanati biex ikunu konformi mal-istrateġija Spanjola tal-ekonomija ċirkolari u t-taħriġ jikkontribwixxi biex jagħti spinta lill-proċess tat-trasformazzjoni diġitali fl-industrija;
8. Jinnota li Spanja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Frar 2021 u li, għaldaqstant, in-nefqa fuq attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Frar 2021 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament;
9. Jilqa' l-fatt li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal minn Spanja f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali¹³; l-involvement tas-sħab soċjali ġie żgurat mir-

¹⁰ F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament dwar il-FEG.

¹¹ Auxiliar Troquelaría SL, Calderería del Oria, Matricería Deusto, Mecanizados de la Industria Vasca SLU, Taller Mecanizado Pablo López Lacalle SL, Tratamientos Superficiales Iontech SA.

¹² [Avance de los datos del mercado laboral del año 2020](#) (data tas-suq tax-xogħol għall-2020).

¹³ L-applikazzjoni ġiet approvata minn Lanbide, is-servizz tal-impjegi pubbliċi Bask (is-sħab soċjali huma parti mill-bord ta' governanza), fit-2 ta' Lulju 2021. Saru wkoll laqgħat fid-19 ta' Jannar u fit-2 ta' Frar 2021 mal-

rappreżentanza tagħhom fil-bord ta' governanza ta' Lanbide, li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-gvern reġjonali, tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi;

10. Jilqa' l-fatt li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati se jikkontribwixxi għat-tixrid tal-ħiliet orizzontali meħtieġa fl-era industrijali diġitali kif ukoll f'ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG;
11. Ifakkar li l-azzjonijiet proposti jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG u ma jissostitwixxux miżuri ta' protezzjoni soċjali passivi;
12. Jišhaq li l-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċivux assistenza minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;
13. Jieħu nota tan-notifika ta' Spanja li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jġestixxu u jikkontrollaw il-Fond Soċjali Ewropew Plus;
14. Itenni li l-assistenza mill-FEG ma tridx tissostitwixxi azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji, skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi, jew kwalunkwe allowance jew dritt tal-benefiċjarji tal-allokkazzjoni tal-FEG biex tiġi żgurata l-addizzjonalità sħiħa tal-allokkazzjoni;
15. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Federación Vizcaína de Empresas del Metal, (il-federazzjoni tal-intrapriżi tal-metall tal-Biskalja), mal-Asociación de Empresas de Guipúzcoa - ADEGI (l-Assoċjazzjoni tan-negozju ta' Gupúzcoa) u mas-SEA-Empresas Alavesas (l-assoċjazzjonijiet tan-negozju ta' Alava).

ANNES: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2021/001 ES/País Vasco metal

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda², u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjiegi deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar u jgħinhom jirritornaw għal xogħol deċenti u impjeg sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma jridx jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018), kif previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093³.
- (3) Fil-25 ta' Ġunju 2021, Spanja ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji ta' ħaddiema fis-settur ekonomiku kklassifikat fl-ambitu tal-Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE")⁴ Reviżjoni 2 diviżjoni 25 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr għal makkinarju u tagħmir fir-reġjun tal-Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika ("NUTS")⁵ livell 2 tal-País Vasco (ES21) fi Spanja. Ġiet

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1).

issupplementata b'informazzjoni addizzjonali mogħtija f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni hija konformi mal-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691.

- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-FEG jiġi mobilizzat sabiex jagħti kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 1 214 607 għall-applikazzjoni ppreżentata minn Spanja.
- (5) Sabiex iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG jitnaqqas kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2021, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 214 607 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din id-Deċiżjoni tapplika mill-... [data ta' adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni]*.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Sfond

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex jipprovdi assistenza addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerè dinji.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu (8)(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027⁶ u tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 2021/691⁷, il-Fond ma jistax jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018).

Fir-rigward tal-proċedura, skont il-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda⁸, sabiex jiġi attivat il-Fond, il-Kummissjoni, f'każ ta' valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, tippreżenta lill-awtorità baġitarja proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess waqt, talba korrispondenti għat-trasferiment.

II. L-applikazzjoni ta' Spanja u l-proposta tal-Kummissjoni

Fil-25 ta' Ġunju 2021, Spanja ppreżentat applikazzjoni EGF/2021/001 ES/País Vasco metal għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara 491 sensja fis-settur ekonomiku kklassifikati skont id-diviżjoni 25 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir) fir-reġjun NUTS 2 tal-País Vasco (ES21) fi Spanja.

Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

Fis-7 ta' Ottubru, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG biex tappoġġja r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' 300 benefiċjarju fil-mira, jiġifieri ħaddiema ssensjati fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-diviżjoni 25 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir).

Il-Kummissjoni qieset l-applikazzjoni ammissibbli skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi l-waqfien mill-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjati fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fid-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi kif definit fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru.

Din hija l-ewwel applikazzjoni tal-2021 u s-sitt waħda li għandha tiġi eżaminata fl-ambitu tal-baġit tal-2021, inkluż il-QFP il-ġdid (ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-

⁶ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 15.

⁷ ĠU L 153, 3.4.2021, p. 48.

⁸ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

snin mill-2021 sal-2027⁹ u l-FII tas-16 ta' Diċembru 2020. Din hija wkoll l-ewwel applikazzjoni tal-FEG li għandha tiġi eżaminata skont ir-Regolament il-ġdid dwar il-FEG¹⁰.

In-numru ta' 491 ħaddiem issensjat ġie kkalkolat permezz taż-żieda ta' 192 każ ta' waqfien mill-attivitajiet mid-data li fiha l-impjegatur, f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE¹¹, innotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar is-sensji kollettivi previsti, sa 299 mid-data tal-avviż individwali tal-impjegatur ta' tneħħija jew terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg tal-ħaddiem.

L-applikazzjoni tikkonċerna 300 ħaddiem issensjat fil-mira u tirreferi għall-mobilizzazzjoni ta' ammont totali ta' EUR 1 214 607 mill-FEG għal Spanja li jirrappreżenta 85 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti.

L-oġġettivi tal-FEG huma li juri solidarjetà u jippromwovi impjegi deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi joffri assistenza fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar, b'mod partikolari dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, tilwim kummerċjali, bidliet sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, kif ukoll it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni¹².

Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat kriżi dinjija. Il-miżuri stretti tal-lockdown implimentati fi Spanja fit-tieni trimestru tal-2020 irriżultaw fi tnaqqis fl-attivitajiet u fis-servizzi ekonomiċi mhux essenzjali, li laqtu b'mod gravi lis-settur tal-metall. Meta l-miżuri tal-lockdown ittaffew, is-settur tal-metall kompli jsofri minn nuqqasijiet ta' provvisti u ta' materja prima, diffikultajiet biex il-faċilitajiet jiġu adattati għall-protokolli kontra l-COVID-19, kontagġi u restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-ħaddiema, jew kwistjonijiet ta' mobbiltà. Skont id-data minn Confemetal¹³, il-pandemija kellha impatt sinifikanti fuq l-attività u fuq il-fatturat tal-intrapriżi li joperaw fis-settur tal-metall, b'konsegwenzi negattivi fuq l-impjegi u fuq il-likwidità tal-intrapriżi (inadempjenzi fil-ħlas, aċċess għall-kreditu, eċċ.).

Minħabba l-piż kbir tiegħu fl-ekonomija reġjonali, id-diffikultajiet fis-settur tal-prodotti tal-metall iffabbrikat kellhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija reġjonali u fuq l-impjegi. Fil-bidu tal-2020, il-qgħad (sena wara sena) fis-settur kien qed jonqos. Madankollu, minn Marzu 2020, ix-xejra nbidlet drastikament, minħabba l-pandemija. F'Awwissu 2020, kien hemm 25 %¹⁴ aktar persuni qiegħda minn sitt xhur qabel. Il-qerda tal-impjegi fl-industrija kienet akbar milli fis-setturi l-oħrajn kollha flimkien.

Is-sitt tipi ta' azzjonijiet li għandhom jiġu pprovvduti lill-ħaddiema ssensjati u li għalihom qed jintalab il-kofinanzjament mill-FEG jikkonsistu fi:

⁹ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

¹⁰ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

¹² Ir-Regolament (UE) 2021/691.

¹³ Confemetal hija l-Konfederazzjoni Spanjola tal-Organizzazzjonijiet tan-Negozju tal-Metall, li tirrappreżenta lil madwar 220 000 intrapriża u lil aktar minn miljun u nofs ħaddiem.

¹⁴ [Avance de los datos del mercado laboral del año 2020](#) (data tas-suq tax-xogħol għall-2020).

- a. Sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerali, merħba u tfassil ta' profili: is-sessjoni ta' informazzjoni hija l-ewwel miżura li għandha tiġi offruta lill-benefiċjarji kollha fil-mira u tinkludi informazzjoni ġenerali dwar counselling vokazzjonali, programmi ta' taħriġ u inċentivi disponibbli. Is-sessjonijiet ta' informazzjoni individwali jinkludu t-tfassil ta' profili tal-parteċipant u l-allokazzjoni tal-counsellor li se jakkumpanja lill-ħaddiem matul il-proċess lejn l-impjieġ mill-ġdid.
- b. Gwida okkupazzjonali se tiġi pprovduta permezz ta' sessjonijiet kollettivi u individwali.
- c. Għajjnuna intensiva għat-tfittix ta' impjieġ, inklużi sessjonijiet ta' ħidma dwar proċessi ta' tfittix ta' impjieġ u ta' reklutaġġ, it-tfittixija attiva għal opportunitajiet ta' impjieġ lokali u reġjonali, u sabiex jinsabu impjieġi li jaqblu mal-ħiliet tal-ħaddiema.
- d. Appoġġ għall-ħolqien ta' negozju: il-ħaddiema interessati li jsiru persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu sessjonijiet individwali ta' tutoraġġ u taħriġ, li jistgħu jkopru l-ippjanar, it-twettiq ta' studji ta' fattibbiltà, it-tħejjija ta' pjanijiet ta' negozju, jgħinu fl-identifikazzjoni ta' possibbiltajiet ta' finanzjament, eċċ.
- e. Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju: il-ħaddiema li jibdew negozju jew attività bħala persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu kontribuzzjoni ta' mhux aktar minn EUR 8 000, biex tgħin视角 fil-kostijiet tal-istabbiliment tagħhom.
- f. Taħriġ: Dan se jinkludi (1) taħriġ dwar kompetenzi ewlenin u orizzontali, bħall-ħiliet diġitali, il-ġestjoni tal-kwalità, il-prevenzjoni tar-riskji okkupazzjonali, eċċ.; (2) taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet vokazzjonali (għal dawk li jagħżlu li jagħżlu direzzjoni ġdida għall-karriera tagħhom barra mis-settur tal-metall), bħal-loġistika, il-ġestjoni tal-imħażen, il-kostruzzjoni u l-effiċjenza enerġetika, l-industrija tal-ikel, l-immaniġġjar tal-iskart urban u industrijali, l-attivitajiet rikreattivi għall-anzjani, eċċ.; (3) taħriġ għat-titjib tal-ħiliet vokazzjonali biex jiġu indirizzati l-ħiliet meħtieġa fis-settur tal-metall bħall-assemblaġġ 3D tal-CAD u l-immudellar tal-parts; programmazzjoni tal-ġhodda bil-magna CNC; disinn mekkaniku CATIA; forklifts, krejnijiet pont u pjattaformi tal-irfiġħ; xogħol tal-metall b'folja fina u xogħol ta' bojlers; iwweldjar (b'ossiġenu u fjuwil, semiawtomatiku, TIG, eċċ.); immaxinjar permezz tat-tneħħija taċ-ċipep, immaxinjar bil-brix, immaxinjar ta' deformazzjoni eċċ.; u (4) taħriġ fuq il-post tax-xogħol imfassal għal postijiet vakanti li ma għandhomx kandidati xierqa. Wara li jlesti t-taħriġ b'suċċess, il-ħaddiem inkwistjoni jiġi offrut kuntratt.
- g. Parteċipazzjoni, tfittix ta' impjieġ u allowances tat-taħriġ: hija prevista allowance ta' parteċipazzjoni sa EUR 300 għal dawk li jipparteċipaw fis-sessjonijiet ta' counselling individwali kollha stabbiliti fl-itinerarju personalizzat ta' inserzjoni tagħhom. Il-ħaddiema li jipparteċipaw b'mod attiv fil-miżura "Għajjnuna intensiva għat-tfittix ta' impjieġ" jew li jtemmu t-taħriġ jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 400.

Skont il-Kummissjoni, il-miżuri deskritti jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG u ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

L-awtoritajiet Spanjoli pprovdew l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obligatorji għall-intrapriżi kkonċernati permezz tal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet

kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tissostitwixxi tali azzjonijiet.

Proċedura

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Awtorità Baġitarja talba għal trasferiment għal ammont globali ta' EUR 1 214 607 mir-riżerva tal-FEG (30 04 02) għal-linja baġitarja tal-FEG (16 02 02).

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali għandhom jiġu assoċjati mal-proċess sabiex joffru appoġġ kostruttiv u jagħtu kontribut għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

Is-Sur Johan VAN OVERTVELDT
President
Kumitat għall-Baġits
SOPHIE SCHOLL 05U012
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni - EGF/2021/001 ES País Vasco Metal (2021/0316(BUD))

Sur President,

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) u l-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar il-FEG, ippreseduti mill-Viċi President tal-Kumitat EMPL Tomáš Zdechovský, eżaminaw il-mobilizzazzjoni tal-FEG għall-każ EGF/2021/001 ES País Vasco Metal u adottaw l-opinjoni li ġejja.

Il-Kumitat EMPL u l-Grupp ta' Ħidma tiegħu huma favur il-mobilizzazzjoni tal-Fond fir-rigward ta' din it-talba. F'dan ir-rigward, il-Kumitat EMPL qed jippreżenta xi kummenti mingħajr, madankollu, ma jqajjem dubji dwar it-trasferiment tal-ħlasijiet.

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat EMPL huma msejsa fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

A) billi din l-applikazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (UE) 2021/691 (FEG) u tirrigwarda 491 ħaddiem li ngħataw is-sensja fis-settur ekonomiku kklassifikat fid-diviżjoni 25 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, ħlief makkinarju u tagħmir). Is-sensji kollettivi jikkonċernaw 6 intrapriżi b'kollox;

B) billi t-tnaqqis fl-attività u l-fatturat iddeterminaw is-sensji li seħħew f'14 % tal-intrapriżi fis-settur tal-metall, u dan affettwa 10;6 % tal-forza tax-xogħol tagħhom minkejja l-użu estensiv ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar;

C) billi s-settur tal-prodotti tal-metall iffabbrikat jirrappreżenta 27,4 % tal-valur miżjud gross (GVA) tal-industrija fir-reġjun Bask u kellu impatt sinifikanti fuq l-ekonomija reġjonali u l-impjiegi;

D) billi Spanja tirrapporta dwar il-konformità tagħha mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar u tenfasizza l-kunċetti ewlenin tal-Pjan ta' Taħriġ Vokazzjonali Bask, l-Istrateġija Baska għall-Impjiegi u l-Programm għall-Impjiegi Ekoloġiċi;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jintegra s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal

riżoluzzjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni Spanjola:

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament tal-FEG huma sodisfatti u Spanja, fid-dawl tal-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 214 607 taħt dan ir-regolament, li jirrappreżenta 85 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.

2. Jinnota li l-Kummissjoni osservat l-iskadenza ta' 50 jum xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni kompluta mill-awtoritajiet Spanjoli sa ma ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja fit-8 ta' Ottubru, u nnotifikatha lill-Parlament fl-istess ġurnata.

3. Iqis li l-attività u l-fatturat tal-intrapriżi li joperaw fis-settur tal-metall kienu affettwati b'mod negattiv mill-pandemija f'termini ta' impjegi u l-likwidità tal-intrapriżi. Il-produzzjoni tal-2020 naqset b'aktar minn nofs f'18 % tal-intrapriżi tal-metall, filwaqt li l-fatturat naqas b'aktar minn nofs f'16 % tan-negozji. Minkejja l-użu estensiv ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, is-sensji seħħew f'14 % tal-intrapriżi fis-settur tal-metall, u affettwaw 10,6 % tal-forza tax-xogħol totali tagħhom.

4. Jinnota li fost it-300 benefiċjarju fil-mira, 88 % huma rġiel u 72 % għandhom bejn 30 u 54 sena. Jinnota li s-servizzi personalizzati għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja se jinkludu l-miżuri li ġejjin: informazzjoni ġenerali dwar konsulenza vokazzjonali disponibbli, programmi u inċentivi ta' taħriġ, gwida okkupazzjonali permezz ta' sessjonijiet kollettivi u individwali, assistenza intensiva għat-tfittix ta' impjieg, appoġġ għall-ħolqien ta' negozju, kontribut għall-bidu ta' negozju, taħriġ dwar kompetenzi ewlenin u orizzontali, bħal ħiliet diġitali, ġestjoni tal-kwalità, prevenzjoni tar-riskju okkupazzjonali u taħriġ vokazzjonali intiż għat-taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet u taħriġ vokazzjonali intiż għat-titjib tal-ħiliet; ifakkar fil-possibbiltà li jitħallsu l-allowances għall-indurkar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7.2 b tar-Regolament il-ġdid tal-FEG sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' dawk li qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti u t-tranżizzjoni tagħhom għax-xogħol.

5. Jilqa' l-fatt li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati se jikkontribwixxi għat-tixrid tal-ħiliet orizzontali meħtieġa fl-era industrijali diġitali kif ukoll f'ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, f'konformità mal-Artikolu 7.2 tar-Regolament tal-FEG;

6. Ifakkar li l-azzjonijiet proposti jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eleġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG u ma jissostitwixxux miżuri ta' protezzjoni soċjali passivi;

7. Jieħu nota tal-konferma ta' Spanja li l-miżuri elenkati hawn fuq soġġetti għall-finanzjament mill-FEG mhux se jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se tissostitwixxi azzjonijiet li l-intrapriżi kkonċernati jeħtiġilhom jagħmlu skont id-dritt nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi;

8. Jieħu nota tal-impenji ta' Spanja:

- li tirrispetta l-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni;
- li tkun konformi mar-rekwiżiti Ewropej u nazzjonali dwar is-sensji;

- li timpedixxi kwalunkwe finanzjament doppju;
- li tiżgura li l-impriżi li qed jagħtu s-sensji jikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom u jieħdu l-miżuri neċessarji għas-salarji tagħhom;
- li tiżgura li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u sostanzjali tal-Unjoni relatati mal-għajnuna mill-Istat.

9. Jilqa' l-fatt li s-sħab soċjali ġew ikkonsultati fit-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati u jappella għall-involviment tas-sħab soċjali fl-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tiegħu.

10. Jieħu nota tan-notifika ta' Spanja li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jiġġestixxu u jikkontrollaw il-Fond Soċjali Ewropew Plus;

Dejjem tiegħek,

Lucia ĀURIŠ NICHOLSONOVÁ
President tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

Is-Sur Johan VAN OVERTVELDT
President tal-Kumitat għall-Baġits
WIE 05U012

Suġġett: Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni – EGF/2021/001 ES/Pais Vasco metal – Spanja

Għażiż Sur Van Overtveldt,

Il-Kummissjoni Ewropea baġtet lill-Parlament Ewropew il-proposta tagħha għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni minn Spanja (COM(2021)0618), b'segwitu għal sensji ta' ħaddiema fir-reġjun tal-Pais Vasco. Nifhem li hemm il-ħsieb li dalwaqt jiġi adottat rapport dwar din il-proposta fil-Kumitat għall-Baġits.

L-applikazzjoni tirrigwarda 491 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-diviżjoni 25 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, għajr makkinarju u tagħmir). Is-sensji kollettivi jikkonċernaw 6 intrapriżi b'kollox. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa 300.

Is-sensji kollha seħħew fir-reġjun NUTS 2 tal-Pais Vasco fejn il-miżuri stretti tal-lockdown implimentati fi Spanja fit-tieni trimestru tal-2020 irriżultaw fi tnaqqis fl-attivitàjiet u fis-servizzi ekonomiċi mhux essenzjali, li laqtu b'mod gravi lis-settur tal-metall. Meta l-miżuri tal-lockdown ittaffew, kwistjonijiet oħra relatati mal-pandemija, bħal nuqqasijiet ta' provvisti u ta' materja prima, diffikultajiet biex il-faċilitajiet jiġu adattati għall-protokollu kontra l-COVID-19, kontagġi u restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-ħaddiema, jew kwistjonijiet ta' mobbiltà, laqtu wkoll lis-settur tal-metall.

Is-servizzi personalizzati li għandhom jiġu pprovduti lill-ħaddiema ssensjati jikkonsistu fil-miżuri li ġejjin: Sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerali, merħba u tfassil ta' profili; Gwida okkupazzjonali, Għajnunha intensiva għat-tfittix ta' impjieġ; Appoġġ għall-ħolqien ta' negozju; Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju; Parteċipazzjoni, tfittix ta' impjieġ u allowances tat-taħriġ; Taħriġ Varju.

Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 1 428 950, li jinkludu n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 1 384 950 u n-nefqa għal attivitàjiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar ta' EUR 44 000. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 1 214 607 (85 % tal-kostijiet totali).

Il-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti minn Lanbide, is-servizz pubbliku tal-impjieġ Bask.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stipulati fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

Il-koordinaturi tal-kumitat ivvalutaw din il-proposta u talbuni niktiblek biex ninfurmak li l-maġġoranza ta' dan il-kumitat ma għandha ebda oġġezzjoni għal din il-mobilizzazzjoni tal-FEG biex jiġi allokati l-ammont imsemmi hawn fuq kif propost mill-Kummissjoni.

Dejjem tiegħek,

Younous OMARJEE

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	9.11.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Robert Biedroń, Lefteris Christoforou, David Cormand, Andor Deli, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, Pierre Larrourou, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Karlo Ressler, Nicolae Ştefănuţă, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Johan Van Overtveldt, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damian Boeselager, Claude Gruffat, Martin Hojsík, Fabienne Keller, Annalisa Tardino

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

26	+
ECR	Johan Van Overtveldt
ID	Annalisa Tardino
NI	Andor Deli
PPE	Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Niclas Herbst, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Karlo Ressler, Rainer Wieland
Renew	Vlad Gheorghe, Valérie Hayer, Martin Hojsík, Nicolae Ştefănuţă, Nils Torvalds
S&D	Robert Biedroń, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Pierre Larrourou, Margarida Marques, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Damian Boeselager, David Cormand, Claude Gruffat, Fabienne Keller

0	-
----------	----------

0	0
----------	----------

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni